32004D0127

10.2.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 37/16

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-22 ta' Diċembru 2003
## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ko\operazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija

(2004/127/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 170 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 300(2) u Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Kummissjoni negozjat, għan-nom tal-Komunità, Ftehim dwar koperazzjoni xjentifika u teknoloġika mar-Repubblika tat-Tuniżija.

(2) Il-Ftehim kien iffirmat għan-nom tal-Komunità fis-26 ta' Ġunju 2003 f'Tessaloniki, suġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tuniżija huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi għan-nom tal-Komunità, jagħti n-notifika prevista f'Artikolu 7 tal-Ftehim ([2]).

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. MATTEOLI

---

([1]) Opinjoni ta' l-4 ta' Diċembru 2003 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.